# AGĦŻEL WIĊĊ MALTI GĦALL-EWRO

## L-EWRO DALWAQT SE SSIR IL-MUNITA TA' MALTA U DIN HIJA L-OPPORTUNITA' TIEGĦEK BIEX TAGĦŻEL DAK LI SER JIDHER FUQHA

Wara konsultazzjoni pubblika li saret f'Jannar li għadda, il-pubbliku għażel it-temi sabiex jidhru fuq il-muniti Maltin ta' l-ewro. Il-pubbliku issa qed jiġi mistieden jagħżel id-disinji finali ta' dawn il-muniti billi jibgħat SMS vojt fuq in-numru li jidher ħdejn l-għażla tiegħu. Il-pubbliku jista' jivvota għal tlieta mill-erba' disinji li jidhru hawn taħt iżda vot wieħed biss jiġi aċċettat għal kull disinn magħżul.

It-tliet disinji li jingħataw l-ogħla numru ta' voti jkunu dawk li jingħażlu biex jidhru fuq il-wiċċ nazzjonali tal-muniti Maltin ta' l-ewro.

Kull min jipparteċipa jista' jirbaħ wieħed minn 20 biljett ta' l-ajru mogħtija mill-Air Malta għal kwalunkwe destinazzjoni tagħha, jew wieħed minn numru ta' telefons ċellulari offruti mill-Go Mobile, jew wieħed minn 20 biljett għal 'Sting Broken Music Tour' li ser jsir fis-6 ta' Ġunju, offrut mill-NnG Promotions. Dawk il-persuni li jivvutaw sa l-1 ta' Ġunju ikunu eliġibbli li jipparteċipaw fit-tlugħ tal-biljetti tal-kunċert ta' Sting.

## AGĦŻEL WIĊĊ GĦALL-EWRO... IVVOTA GĦALL-GĦAŻLA TIEGĦEK!




**5061 1101**




**5061 1102**




**5061 1103**




**5061 1104**

- Kull linja ċellulari hija ntitolata għal tliet voti biss. Il-prezz ta' kull SMS huwa 2ċ.
- Id-disinji jinsabu għall-wiri fuq il-websajt tal-Bank Ċentrali ta' Malta **www.centralbankmalta.com** u tal-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla fl-Ewro (NECC) **www.euro.gov.mt**
- Il-votazzjoni hi miftuħa bejn id-29 ta' Mejju u d-9 ta' Ġunju 2006.

BANK ĊENTRALI TA' MALTA

NATIONAL EURO CHANGEOVER COMMITTEE

Sieħeb

AIR MALTA

DPL: 60/06